MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 13/2005

**Avviz numru 13/05DM**

**Casapinta Design Group Limited (C-9216)**

**Vs**

**Johnaton sive John Grech esercitanti l-kummerc f'isem New Millennium Computer Superstores**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' elf, seba' mija, hamsa u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,745.50) dovuta lill-istess socjeta' attrici da parti tal-konvenut rappresentanti prezz ta' servizzi resi mis-socjeta' attrici u spejjes inkorsi minnha in konnessjoni mal-partecipazzjoni tal-konvenut fil-Pavilion of The United States of America, 2004, u dana in forza ta' skrittura

privata ffirmata bejn il-konvenut u bejn l-istess socjeta' attrici li ggib id-data ta' l-4 ta' Mejju, 2004.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Gunju, 2004, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali, u cioe' is-6 ta' Awissu, 2004, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi sabiex s-somma mitluba ta' elf, seba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,745.50) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Awissu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------